

Linji Gwida

Dwar il-Kontroll Intern għas-CRAs



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni	3
2	Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet	4
3	Għan.....	4
4	Obbligi ta' konformità u rapportar	5
4.1	Status tal-linji gwida	5
4.2	Obbligi ta' rapportar	5
5	Linji gwida dwar il-Kontrolli Interni għas-CRAs	5
5.1	Qafas ta' Kontroll Intern	6
5.2	Funzjonijiet ta' Kontroll Intern.....	10

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għal aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni u rreġistrati mal-ESMA f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu¹.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-istruttura u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità effettiva tas-CRA mal-Artikolu 6(1)(2) u (4) u t-Taqsima A tal-Anness I tar-Regolament CRA.

Meta?

3. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021.

¹ ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

2 Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi Leġiżlattivi

<i>Ir-Regolament ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ²
<i>Ir-Regolament CRA</i>	Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu

Taqsiriet

<i>ESMA</i>	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>CRA</i>	Aġenzija ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu
<i>CRAR</i>	<i>Ir-Regolament CRA</i>
<i>Qafas tal-IC</i>	Qafas ta' Kontroll Intern
<i>Funzjonijiet tal-IC</i>	Funzjonijiet ta' Kontroll Intern
<i>INED</i>	Membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju tas-CRA
<i>Bord amministrattiv jew superviżorju tas-CRA</i>	Il-bord

3 Għan

4. Dawn il-linji gwida jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-istruttura u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità effettiva tas-CRA mal-Artikolu 6(1)(2) u (4) u t-Taqsima A tal-Anness I tar-Regolament CRA (CRAR).
5. Il-linji gwida jistabbilixxu l-aspettattivi tal-ESMA rigward il-komponenti u l-karatteristiċi ta' qafas effettiv tal-IC u l-funzjonijiet tal-IC fi ħdan aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

² ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

4 Obbligi ta' konformità u rapportar

4.1 Status tal-linji gwida

6. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA. Skont ir-Regolament, is-CRA għandha tagħmel kull sforz biex tikkonforma mal-linji gwida.

4.2 Obbligi ta' rapportar

7. L-ESMA se tivvaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mis-CRAs permezz tas-sorveljanza u l-monitoraġġ kontinwu tagħha tal-attivitajiet tas-CRA.
8. L-ESMA se tapplika l-proporzjonalità fl-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Filwaqt li s-CRAs kollha huma mistennija li juru l-karatteristiċi ta' sistema effettiva ta' kontroll intern deskritta f'dawn il-Linji Gwida, f'xi każijiet l-ESMA tista' ma tistennix li CRA tagħmel dan permezz ta' Funzjonijiet tal-IC dedikati u separati skont it-Taqsima 5.2.
9. L-ESMA se tikkalibra l-aspettattivi tagħha skont it-Taqsima 5.2 skont in-natura, l-iskala u l-komplessità ta' CRA. Għal CRAs akbar, l-ESMA se tistenna li CRA tikkonforma mal-aspettattivi kollha stabbiliti fil-Linji Gwida. Għal CRAs iżgħar, l-ESMA se tirreferi għall-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tas-CRA. Madankollu, minħabba li n-natura, l-iskala u l-komplessità ta' xi CRAs setgħu nbidlu mir-reġistrazzjoni, l-ESMA se tikkomunika permezz tas-superviżjoni tagħha jekk ikollha livell limitu oġġla ta' aspettattivi skont it-Taqsima 5.2 minn dawk stabbiliti mar-reġistrazzjoni.
10. Filwaqt li l-ESMA se tikkomunika l-aspettattiva tagħha ta' CRAs permezz tas-superviżjoni tagħha, xorta tibqa' r-responsabbiltà tal-maniġment ta' CRA, b'sorveljanza mill-Bord tagħha, biex tivvaluta l-adekwatezza tal-kontroll intern tagħha skont dawn il-linji gwida.

5 Linji gwida dwar il-Kontrolli Interni għas-CRAs

Rekwiżiti Relatati mal-Artikolu 6(1), (2), (4) u mat-Taqsima A tal-Anness I tas-CRAR

11. Sabiex turi li CRA tilħaq l-oġettivi ta' struttura effettiva ta' kontroll intern skont l-Artikolu 6(1), (2), (4) u t-Taqsima A tal-Anness I tar-Regolament CRA, l-ESMA tistenna li CRA turi li l-politiki, il-proċeduri u l-prattiki ta' ħidma tagħha jilħqu l-oġettivi tat-Taqsimiet 5.1 (Qafas ta' Kontroll Intern) u 5.2 (Funzjonijiet ta' Kontroll Intern) ta' dawn il-Linji Gwida.
12. F'dan il-kuntest, it-terminu "politiki u proċeduri" għandu jinftehem bħala li jirreferi għal dokumenti interni li jirregolaw jew jidderieġu kif is-CRA jew il-persunal tagħha għandhom iwettqu attivitajiet li huma soġġetti għar-rekwiżiti tas-CRAR.

5.1 Qafas ta' Kontroll Intern

13. Sabiex turi li għandha Qafas ta' Kontroll Intern (Qafas tal-IC) effettiv, l-ESMA tistenna li CRA tkun kapaċi turi l-preżenza tal-komponenti u l-karatteristiċi li ġejjin fil-politiki u l-proċeduri u l-prattiki ta' ħidma interni tagħha.

Prinċipji Ġenerali

14. Il-Bord ta' CRA għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza u l-approvazzjoni tal-komponenti kollha tal-Qafas tal-IC li huwa żviluppat mill-maniġment, kif ukoll għas-sorveljanza li l-komponenti tiegħu huma soġġetti għal monitoraġġ u aġġornament regolari mill-maniġment. Il-maniġment tas-CRA għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-aġġornament tal-politiki u l-proċeduri bil-miktub ta' kontroll intern li jappoġġjaw il-komponenti tal-Qafas tal-IC.
15. Bħala parti mit-tqegħid fis-seħħ ta' dawn il-politiki u l-proċeduri, is-CRA għandu jkollha proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ċari, trasparenti u dokumentati kif ukoll allokazżjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fi ħdan il-Qafas tal-IC tagħha, inklużi l-linji tan-negozju u l-funzjonijiet tal-IC tagħha.

Komponent 1.1 Ambjent ta' Kontroll

16. L-ESMA tqis li l-ambjent ta' kontroll huwa s-sett ta' standards, proċessi u strutturi meħtieġa għat-twettiq ta' kontroll intern fl-organizzazzjoni kollha. Fil-fehma tal-ESMA, l-ambjent ta' kontroll huwa l-pedament li fuqu tinbena sistema effettiva ta' kontrolli interni.
17. Il-bord u l-maniġment tas-CRA t-tnejn jikkontribwixxu għall-istabbiliment tat-ton fil-quċċata fir-rigward tal-importanza tal-kontroll intern. Il-maniġment huwa responsabbli għall-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-kontroll intern u għall-valutazzjoni tal-adegwatezza u l-effettività tal-ambjent ta' kontroll.

Karatteristika

- 1.1.1** Il-maniġment tas-CRA għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment ta' kultura b'saħħha ta' etika u konformità fi ħdan is-CRA permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri li jirregolaw it-tmexxija tal-persunal tas-CRA. Il-bord għandu jeżerċita sorveljanza tal-maniġment f'dawn l-oqsma.
- 1.1.2** Il-maniġment tas-CRA għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-politiki u l-proċeduri tas-CRA:
- i. Ifakkru li l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tas-CRA għandhom jitwettqu f'konformità mar-Regolament CRA, il-liġijiet applikabbli u l-valuri korporattivi tas-CRA;

- ii. Jiċċaraw li minbarra l-konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi u regolatorji u mal-politiki interni, il-persunal huwa mistenni jgħib ruħu b'onestà u b'integrità u jwettaq id-dmirijiet tiegħu bil-ħila, bl-attenzjoni u bid-diliġenza dovuta; u
- iii. Jiżguraw li l-persunal ikun konxju mill-azzjonijiet dixxiplinarji interni u esterni, azzjonijiet legali u sanzjonijiet potenzjali li jistgħu jsegwu kondotta ħażina u mgħiba inaċċettabbli.

Il-bord għandu jeżerċita sorveljanza tal-maniġment f'dawn l-oqsma.

- 1.1.3** Il-maniġment tas-CRA għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornament regolari ta' politiki u proċeduri adegwati bil-miktub ta' kontroll intern. Il-bord għandu jeżerċita sorveljanza tal-maniġment f'dawn l-oqsma.
- 1.1.4** Il-maniġment tas-CRA għandu jżomm ir-responsabbiltà għall-attivitajiet li jkun esternalizza lil fornituri esterni tas-servizzi jew lil funzjoni fil-livell tal-grupp fi ħdan il-grupp tas-CRA. Il-bord għandu jeżerċita sorveljanza tal-maniġment f'dawn l-oqsma.

Komponent 1.2 Ġestjoni tar-Riskju

- 18. L-ESMA tqis li l-ġestjoni tar-riskju tinvolvi l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskji kollha li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-kapaċità tas-CRA li tissodisfa l-obbligi tagħha skont ir-Regolament CRA jew li jheddu l-operat kontinwu tagħha. Dan jippermetti lil CRA talloka r-riżorsi ta' kontroll intern tagħha b'mod xieraq. Il-ġestjoni effettiva tar-riskju għandha tinvolvi proċess dinamiku u li jevolvi kontinwament għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għall-kisba tal-oġettivi prinċipali tas-CRA.

Karatteristika

- 1.2.1** Is-CRA għandha twettaq il-valutazzjonijiet tar-riskju interni tagħha skont metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskju definita u komprensiva.
- 1.2.2** Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju tas-CRA għandha tinkludi l-linji tan-negozju kollha tas-CRA.
- 1.2.3** Is-CRA għandha tistabbilixxi l-aptit tagħha għar-riskju u tidentifika l-livelli ta' tolleranza għar-riskju bħala parti mill-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju.
- 1.2.4** Il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tas-CRA għandu jiddefinixxi u jidentifika minn qabel il-kriterji u l-oġettivi li magħhom se jiġu vvalutati r-riskji tas-CRA.
- 1.2.5** Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju tas-CRA għandha tkun soġġetta għal evoluzzjoni u titjib kontinwi.

Komponent 1.3 Attivitajiet ta' Kontroll

19. L-ESMA tqis li l-attivitajiet ta' kontroll li jirregolaw l-attivitajiet kummerċjali ta' CRA jgħinu biex jittaffa l-impatt tar-riskji fi ħdan organizzazzjoni. Dawn huma azzjonijiet imfassla permezz ta' politiki, proċeduri, sistemi, mekkaniżmi u arranġamenti oħra. Dawn l-attivitajiet ta' kontroll għandhom ikunu ta' natura preventiva, ta' detezzjoni, korrettiva jew deterrenti.

Karatteristiċi

- 1.3.1** Dokumentazzjoni – Is-CRA għandha tiddokumenta l-politiki u l-proċeduri tagħha li jkopru l-attivitajiet kummerċjali kollha li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament CRA.
- 1.3.2** *Kontrolli u Testijiet ta' Kontroll Iddokumentati* – Is-CRA għandha tiddokumenta l-kontrolli ewlenin fis-seħħ biex tiżgura l-aderenza ma' daww il-politiki u l-proċeduri rilevanti għas-CRAR. Id-dokumentazzjoni tal-ittestjar tal-kontrolli għandha tistabbilixxi:
- i. Id-deskrizzjoni tal-kontroll.
 - ii. Ir-riskju/i materjali assoċjat(i).
 - iii. Ir-rwol(i) jew il-funzjoni(jiet) responsabbli għat-twettiq tal-kontroll;
 - iv. Ir-rwol(i) jew il-funzjoni(jiet) responsabbli għar-reviżjoni tal-kontroll;
 - v. L-evidenza li l-kontroll ġie eżegwit;
 - vi. Il-frekwenza tat-twettiq tal-kontroll;
 - vii. Id-deskrizzjoni tal-proċedura tal-ittestjar.
- 1.3.3** *Segregazzjoni tad-Dmirijiet* – Is-CRA għandha tiżgura segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet biex timmaniġġja r-riskji ta' kunflitti ta' interess, frodi u żbalji umani. Is-segregazzjoni tad-dmirijiet għandha tiżgura li l-persuni:
- i. Li jwettqu l-analiżi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mhumieq unikament responsabbli għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.
 - ii. Li jwettqu l-iżvilupp ta' metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, mudelli jew suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni mhumieq unikament responsabbli għall-approvazzjoni ta' daww il-metodoloġiji, il-mudelli jew is-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni;
 - iii. Li jwettqu l-validazzjoni jew ir-reviżjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, mudell jew suppożizzjoni ewlenija tal-

klassifikazzjoni mhumieq unikament responsabbli għall-approvazzjoni tal-validazzjoni jew ir-reviżjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, il-mudell jew is-suppożizzjoni ewlenija tal-klassifikazzjoni.

- 1.3.4** *Ħatra ta' Responsabbiltajiet* – Is-CRA għandha taħtar b'mod ċar u definit ir-rwoli jew il-funzjonijiet responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli relatati mal-obbligi skont is-CRAR u tispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Meta tagħmel dan, is-CRA għandha tiddistingwi bejn il-kontrolli ewlenin ta' kuljum fil-livell tan-negozju u dawk imwettqa minn funzjonijiet speċifiċi ta' kontroll.
- 1.3.5** *Awtorizzazzjonijiet u Approvazzjonijiet* – Is-CRA għandha tiddokumenta u tiddekrivi l-proċessi tal-metodoloġija, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha. Dan għandu jinkludi l-membri tal-persunal responsabbli għall-validazzjoni jew ir-reviżjoni tagħhom, u r-reviżjoni tar-riżultati ta' dawn il-proċessi.
- 1.3.6** *Verifiki, validazzjonijiet, rikonċiljazzjonijiet u reviżjonijiet* – Is-CRA għandha timplimenta miżuri biex tidentifika u taġixxi fuq imġiba mhux xierqa, mhux awtorizzata, żbaljata jew frodulent fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha u l-proċessi sottostanti għal dawn l-attivitajiet bħall-metodoloġija tal-kreditu/validazzjoni tal-mudell, il-validazzjoni u l-input tad-*data*.
- 1.3.7** *Kontrolli Ġenerali tal-IT* – Is-CRA għandha timplimenta kontrolli biex tiżgura l-effettività tal-ambjent tal-IT tas-CRA fl-appoġġ tal-proċessi tan-negozju tas-CRA.

Komponent 1.4 Informazzjoni u Komunikazzjoni

20. L-ESMA tqis li komunikazzjoni interna u esterna xierqa hija kruċjali għal CRA li tissodisfa l-obbligi regolatorji tagħha lejn is-suq, il-klijenti u l-persunal. Is-CRA għandha tistabbilixxi proċeduri għall-kondiviżjoni 'l isfel ta' informazzjoni preċiża, kompluta u ta' kwalità tajba għall-persunal u l-partijiet ikkonċernati esterni kif ukoll proċeduri għall-kondiviżjoni 'l fuq ta' informazzjoni sensittiva relatata mal-imġiba u l-aderenza mal-kontrolli interni.

Karatteristiċi

- 1.4.1** Is-CRA għandha tiżgura komunikazzjoni interna u esterna xierqa, li tikkondividi informazzjoni preċiża, kompluta u ta' kwalità tajba f'waqtha lis-suq, lill-investituri, lill-klijenti u lir-regolaturi.
- 1.4.2** Jenġieq li s-CRA tistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni 'l fuq, inkluża proċedura ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, biex tippermetti l-eskalazzjoni ta' kwistjonijiet materjali ta' kontroll intern għall-bord u l-maniġment.

- 1.4.3** Is-CRA għandha tistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni 'l isfel mill-funzjonijiet ta' ġestjoni u kontroll għall-persunal. Dan għandu jinkludi aġġornamenti regolari dwar l-oġettivi u r-responsabbiltajiet għall-kontroll intern, il-komunikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' konformità identifikati u preżentazzjonijiet u taħriġ dwar politiki u proċeduri.

Komponent 1.5 Attivitàjiet ta' Monitoraġġ

21. L-ESMA tqis li l-monitoraġġ kontinwu u r-reviżjonijiet tematiċi tal-attivitàjiet ta' CRA huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-adegwatezza u l-effettività kontinwi tas-sistema ta' kontroll intern tas-CRA. Dan il-monitoraġġ se jgħin biex jiġi aċċertat jekk il-komponenti tas-sistema ta' kontroll intern tas-CRA humiex preżenti u qed jiffunzjonaw b'mod effettiv.

Karatteristiċi

- 1.5.1** Is-CRA għandha tiżgura li l-evalwazzjonijiet tas-sistema ta' kontroll intern jitwettqu f'livelli differenti tas-CRA bħal linji tan-negozju, funzjonijiet ta' kontroll u awditjar intern jew funzjonijiet ta' valutazzjoni indipendenti.
- 1.5.2** L-evalwazzjonijiet tas-CRA tas-sistemi ta' kontroll intern għandhom jitwettqu fuq bażi regolari jew tematika, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn.
- 1.5.3** Is-CRA għandha tibni evalwazzjonijiet kontinwi, bħall-monitoraġġ f'waqtu tal-interazzjonijiet tal-posta elettronika bejn l-analisti u l-emittenti, fil-proċessi tan-negozju u taġġustahom għall-kundizzjonijiet li jinbidlu. Dan għandu jinkludi l-attenzenza perjodika fil-kumitati ta' klassifikazzjoni, jew ir-reviżjoni *ex post* tagħhom.
- 1.5.4** Is-CRA għandha tirrapporta n-nuqqasijiet identifikati mill-evalwazzjonijiet ta' monitoraġġ u l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa lill-bord u lill-maniġment li mbagħad għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni f'waqtha ta' azzjoni(jiet) korrettiva/i.
- 1.5.5** Fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operattivi importanti lil parti esterna, is-CRA għandha tiżgura li l-persunal ikollu responsabbiltà diretta fuq il-monitoraġġ tal-proċessi tan-negozju esternalizzati. Is-CRA għandha tiżgura li l-fornituri esterni tas-servizzi jingħataw direzzjonijiet ċari dwar l-oġettivi tas-CRA u l-aspettattivi ta' konsenja tagħha, u li d-diliġenza dovuta titwettaq qabel il-ħatra tal-fornitur.

5.2 Funzjonijiet ta' Kontroll Intern

22. Sabiex jiġi żgurat li s-CRA jkollha Funzjonijiet ta' Kontroll Intern (Funzjonijiet tal-IC) effettivi, l-ESMA tistenna li s-CRA għandha tkun tista' turi l-preżenza tal-komponenti u l-karatteristiċi li ġejjin fil-politiki, il-proċeduri u l-prattiki ta' ħidma tagħha.

Prinċipji Ġenerali

23. L-ESMA tqis li l-funzjonijiet tal-IC ta' CRA għandu jkollhom biżżejjed riżorsi u jkollhom biżżejjed persunal b'individwi b'biżżejjed għarfien espert biex iwettqu dmirijiethom. F'każijiet fejn is-CRAs ikunu esternalizzaw il-kompiti operazzjonali importanti ta' funzjoni tal-IC fil-livell tal-grupp jew lil parti esterna, l-ESMA tqis li s-CRA żżomm ir-responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet tal-funzjoni esternalizzata tal-IC. L-ESMA tqis li l-persunal inkarigat mill-funzjonijiet tal-IC tas-CRA għandu jkollu superjorità xierqa biex ikollu l-awtorità meħtieġa biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu. Ċerti funzjonijiet jistgħu jitwettqu fil-livell tal-grupp jew minn entitajiet ġuridiċi oħra fi ħdan struttura korporattiva dment li l-istruttura tal-grupp ma timpedixxi il-kapaċità tal-bord tas-CRA li jipprovdi sorveljanza, u l-abbiltà tal-maniġment li jimmaniġġja r-riskji tiegħu b'mod effettiv, jew l-abbiltà tal-ESMA li tissorvelja b'mod effettiv is-CRA.
24. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-funzjonijiet tal-IC tas-CRA, l-ESMA tistenna li s-CRA tikkunsidra l-prinċipji li ġejjin fl-istabbiliment tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-funzjonijiet tal-IC tagħha:
- i. il-funzjonijiet tal-IC għandhom ikunu funzjonalment separati mill-funzjonijiet/attivitajiet li huma assenjati għall-monitoraġġ, l-awditjar jew il-kontroll;
 - ii. il-funzjonijiet tal-IC m'għandhom iwettqu l-ebda kompitu operazzjonali li jaqa' fl-ambitu tal-attivitajiet tan-negozju li għandhom l-intenzjoni li jimmonitorjaw, jawditjaw jew jikkontrollaw;
 - iii. Il-kap ta' funzjoni tal-IC ma għandux jirrapporta lil persuna li għandha responsabbiltà diretta għall-ġestjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni tal-IC timmonitorja, tawditja jew tikkontrolla.
 - iv. Il-persunal li jwettaq responsabbiltajiet relatati mal-funzjonijiet tal-IC għandu jkollu aċċess għal taħriġ intern jew estern rilevanti biex jiżgura l-adekwatezza tal-ħiliet tiegħu għall-kompiti mwettqa.

Proporzjonalità

25. Il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni għal CRA jistabbilixxu l-aspettattivi minimi tal-ESMA għal kontroll intern, funzjonijiet ta' kontroll intern u governanza ta' CRA. Għal xi CRAs, jista' ma jkunx proporzjonat għaliha li jkollha l-Funzjonijiet tal-IC kollha taħt din it-taqsimha preżenti fl-istruttura organizzattiva tagħha. Madankollu, il-karatteristiċi tal-funzjonijiet kollha tal-IC, kif deskritti f'din it-taqsimha tal-linji gwida, xorta waħda għandhom jiġu allokat i u assenjati lil parti responsabbli xierqa.
26. L-ESMA tqis li l-bord tas-CRA għandu jżomm sorveljanza tat-twettiq ta' dawn il-kompiti, u l-adekwatezza kontinwa tal-persunal u r-riżorsi tal-funzjonijiet tal-IC tagħha skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tagħha.

Komponent 2.1 Funzjoni ta' Konformità

27. L-ESMA tqis li l-funzjoni ta' konformità ta' CRA hija responsabbli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-konformità tas-CRA u l-impjegati tagħha mal-obbligi tagħha skont is-CRAR. Il-funzjoni ta' konformità hija responsabbli biex issegwi l-bidliet fil-liġi u fir-regolament applikabbli għall-attivitajiet tagħha. Il-funzjoni ta' konformità hija responsabbli wkoll biex tagħti pariri lill-bord amministrattiv jew superviżorju dwar liġijiet, regoli, regolamenti u standards li s-CRA jeħtieġ li tikkonforma magħhom, u biex tivvaluta flimkien ma' funzjonijiet rilevanti oħra l-impatt possibbli ta' kwalunkwe bidla fl-ambjent legali jew regolatorju fuq l-attivitajiet tas-CRA.

Karatteristiċi

- 2.1.1** Il-funzjoni ta' konformità għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha indipendentement mil-linji tan-negozju li huma responsabbli għall-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u għandha tipprovdi rapporti regolari lill-INEDs tas-CRA.
- 2.1.2** Il-funzjoni ta' konformità għandha tagħti pariri u tassisti lill-membri tal-persunal involuti f'attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu biex jikkonformaw mal-obbligi skont is-CRAR. Il-funzjoni ta' konformità għandha tkun proattiva fl-identifikazzjoni tar-riskji u n-nuqqas ta' konformità possibbli permezz tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni f'waqthom tal-attivitajiet, kif ukoll is-segwitu tar-rimedju.
- 2.1.3** Il-funzjoni ta' konformità għandha tiżgura li l-monitoraġġ tal-konformità jitwettaq permezz ta' programm strutturat u definit sew għall-monitoraġġ tal-konformità.
- 2.1.4** Il-funzjoni ta' konformità, fejn xieraq flimkien ma' funzjonijiet rilevanti oħra, jenħtieġ li tivvaluta l-impatt possibbli ta' kwalunkwe bidla fl-ambjent legali jew regolatorju fuq l-attivitajiet tas-CRA u tikkomunika, kif xieraq, mal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju dwar ir-riskju ta' konformità tas-CRA.
- 2.1.5** Il-funzjoni ta' konformità għandha tiżgura li l-politiki ta' konformità jiġu osservati u tirrapporta lill-bord u lill-maniġment dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-konformità mis-CRA.
- 2.1.6** Il-funzjoni ta' konformità għandha tikkoopera mal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju biex tiskambja l-informazzjoni meħtieġa għall-kompiti rispettivi tagħhom.
- 2.1.7** Is-sejbiet tal-funzjoni ta' konformità għandhom jitqiesu mill-bord u l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju fil-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom.

Komponent 2.2 Funzjoni ta' Reviżjoni

28. L-ESMA tqis li l-funzjoni ta' reviżjoni ta' CRA hija responsabbli għar-reviżjoni tal-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq bażi kontinwa u mill-inqas kull sena. Il-funzjoni ta' reviżjoni tas-CRA hija responsabbli wkoll għall-validazzjoni u r-reviżjoni ta' metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet ta' klassifikazzjoni ewlenin ġodda u kwalunkwe bidla fil-metodoloġiji, fil-mudelli jew fis-suppożizzjonijiet ewlenin ta' klassifikazzjoni eżistenti.

Karatteristiċi

- 2.2.1** Il-funzjoni ta' reviżjoni għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha indipendentement mil-linji tan-negozju li huma responsabbli għall-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u għandha tipprovdi rapporti regolari lill-INEDs tas-CRA.
- 2.2.2** L-azzjonisti jew il-persunal tas-CRA involuti fl-iżvilupp tan-negozju m'għandhomx iwettqu l-kompiti tal-funzjoni ta' reviżjoni.
- 2.2.3** Il-persunal analitiku ma għandux jipparteċipa fl-approvazzjoni ta' metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet ewlenin ta' klassifikazzjoni ġodda, jew il-validazzjoni u r-reviżjoni ta' dawk eżistenti li jkunu żviluppaw.
- 2.2.4** Il-persunal tal-funzjoni ta' reviżjoni għandu jkun unikament responsabbli jew ikollu l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot fil-kumitati li huma responsabbli għall-approvazzjoni ta' metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet ewlenin ta' klassifikazzjoni.

Komponent 2.3 Funzjoni ta' Ġestjoni tar-Riskju

29. L-ESMA tqis li l-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju ta' CRA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju. Għandha tiżgura li r-riskji rilevanti għall-obbligi tagħha skont is-CRAR jiġu identifikati, ivvalutati, imkejla, immonitorjati, ġestiti u rrapportati kif xieraq mid-dipartimenti/funzjonijiet rilevanti fi ħdan is-CRA.

Karatteristiċi

- 2.3.1** Il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha indipendentement mil-linji u mill-unitajiet tan-negozju li tagħhom tissorvelja r-riskji iżda ma għandhiex titwaqqaf milli tinteraġixxi magħhom.
- 2.3.2** Il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għandha tiżgura li r-riskji kollha li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-kapaċità ta' CRA li twettaq l-obbligi tagħha skont is-CRAR, jew l-operat kontinwu tagħha, jiġu identifikati, ivvalutati, imkejla, immonitorjati, ġestiti, mitigati u rrapportati kif suppost mill-unitajiet rilevanti fis-CRA u lilhom.
- 2.3.3** Il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għandha timmonitorja l-profil tar-riskju tas-CRA kontra l-aptit għar-riskju tas-CRA biex tippermetti t-teħid tad-deċiżjonijiet.

- 2.3.4** Il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għandha tipprovdi pariri dwar proposti u deċiżjonijiet dwar ir-riskju li jsiru mil-linji tan-negozju u tinforma lill-bord dwar jekk dawk id-deċiżjonijiet humiex konsistenti mal-aptit għar-riskju u l-oġettivi tas-CRA.
- 2.3.5** Il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għandha tirrakkomanda titjib fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju u miżuri korrettivi għall-politiki u l-proċeduri tar-riskju u tirrevedi l-limiti tar-riskju, f'konformità ma' kwalunkwe bidla fl-aptit għar-riskju tal-organizzazzjoni.

Komponent 2.4 Funzjoni tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni

30. L-ESMA tqis li l-funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni ta' CRA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni fi ħdan is-CRA. Is-CRA għandha tistabbilixxi funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni li tippromwovi kultura ta' sigurtà tal-infommazzjoni fi ħdan is-CRA.

Karatteristiċi

- 2.4.1** Il-funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha indipendentement mil-linji tan-negozju u għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità tas-CRA mal-politiki u l-proċeduri tas-sigurtà tal-infommazzjoni tas-CRA.
- 2.4.2** Il-funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni għandha tiġġestixxi l-attivitajiet tas-sigurtà tal-infommazzjoni tas-CRA.
- 2.4.3** Il-funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni għandha tiskjera programm ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà tal-infommazzjoni għall-persunal tas-CRA biex tittejjeb il-kultura tas-sigurtà u jiġi żviluppat fehim wiesa' tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-infommazzjoni tas-CRA.
- 2.4.4** Il-funzjoni tas-sigurtà tal-infommazzjoni għandha tipprovdi aġġornamenti u pariri regolari lill-bord u lill-maniġment dwar is-sigurtà tal-infommazzjoni tas-sistemi u l-attivitajiet tas-CRA.

Komponent 2.5 Funzjoni tal-Awditjar Intern

31. L-ESMA tqis li l-funzjoni tal-awditjar intern ta' CRA hija responsabbli biex tipprovdi assigurazzjoni oġġettiva u indipendenti u attività konsultattiva mfassla biex ittejjeb l-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni. Hija tgħin lill-organizzazzjoni tilħaq l-oġettivi tagħha billi ġiġb approċċ sistematiku u dixxiplinat biex tevalwa u ttejjeb l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern.

Karatteristiċi

- 2.5.1** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha indipendentement mil-linji tan-negozju u tkun regolata minn karta tal-awditjar intern li tiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tagħha u hija soġġetta għal sorveljanza mill-bord.
- 2.5.2** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
- 2.5.3** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha teżamina b'mod indipendenti u tipprovdi aċċertament oġġettiv li l-attivitajiet tas-CRA, inklużi l-funzjonijiet operattivi importanti esternalizzati³, huma konformi mal-politiki u l-proċeduri tas-CRA kif ukoll mar-rekwiżiti legali u regolatorji applikabbli.
- 2.5.4** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha tistabbilixxi mill-inqas darba fis-sena, abbażi tal-oġġettivi annwali tal-kontroll tal-awditjar intern, pjan tal-awditjar u programm ta' awditjar dettaljat, li huwa soġġett għal sorveljanza mill-bord.
- 2.5.5** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha tipprovdi rapporti regolari lill-INEDs tas-CRA jew lill-Kumitat tal-Awditjar, jekk ikun fis-seħħ;
- 2.5.6** Il-funzjoni tal-awditjar intern għandha tikkomunika r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħha b'mod ċar u konsistenti li jippermetti lill-bord u lill-maniġment jifhmu l-materjalità tar-rakkomandazzjonijiet u jipprioritizzaw kif xieraq.
- 2.5.7** Ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern għandhom ikunu soġġetti għal proċedura formali ta' segwitu mil-livelli xierqa tal-maniġment biex tiġi żgurata u rrapportata l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tagħhom.

³ Il-funzjonijiet operattivi importanti huma daww stabbiliti fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 dwar Informazzjoni għar-Reġistrazzjoni u ċ-Ċertifikazzjoni ta' Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu.